MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 57/2009

Kawza fil-lista: 35

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino**
**u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici**
**nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-esponenti hija mart il-konvenut u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal.

2. Illi l-hajja konjugali bejn l-esponenti u zewgha giet reza impossibli minhabba li huwa abbanduna d-dar matrimonjali u telaq mill-pajjiz.

3. Illi ghar-raguni msemmija l-esponenti giet awtorizzata b' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Dicembru, 2008, numru 1445/08 biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-esponenti u zewgha l-konvenut.

2. Tassenja l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri lill-esponenti u dan taht dawn il-kundizzjonijiet li din il-Qorti joghgobha tiffissa.

3. Tiffissa l-manteniment xieraq ghaliha u ghall-minuri.

4. Tawtorizza l-esponenti tirritorna ghal-kunjom xbubitha.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

6. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat, li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta’ Mejju 2001. Huma ghandhom tlett-it tfal: E li twieled fl-20 ta’ Mejju 1999, F li twieldet fid-9 ta’ Awissu 2005, u G li twieled fis-sena 2009.

Jirrizulta mhux kontraddett li tul iz-zwieg zewgha kien jabbuza mid-droga u mix-xorb, kien johrog wahdu u ta’ sikwit kien iqatta’ ljeli barra. F’ diversi okkazzjonijiet kellu l-inkwiet mal-pulizija. Tghid, li rizultat tax-xorb huwa kien jitlef il-kontroll u kien jsir vjolenti.

F’ dawn ic-cirkostanzi l-attrici tghid li l-konvivenza matrimonjali ma’ zewgha kienet saret insapportabbli, u di fatti kienet talbet is-separazzjoni fis-sena 2001, izda kienet hafritlu bl-isperanza li ssalva l-familja. Eventwalment huwa telaq ghal kollox mid-dar konjugali u rritorna lura lejn pajjizu, fil-Libja.

L-attrici tghid li tul iz-zwieg, zewgha qatt ma taha ebda manteniment, la ghaliha u lanqas ghat-tfal, u ghalhekk kienet kostretta li tghix biss bl-assistenza socjali.

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tosserva li l-komportament abbuziv ta’ zewgha, ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut, jikkostitwixxi sevizzi;, u l-abbandun da parti tieghu ta’ l-attrici u tat-tfal b’ mod li halla lill-istess attrici tfendi ghar-rasha bi tlett-it tfal, ghandu karattru ngurjuz: b’ hekk giet reza mpossibbli l-konvivenza matrimonjali tort tal-konvenut. Minn naha ta’ l-attrici ma rrizulta xejn censurabbli.

Ghaldaqstant l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Kura u Kustodja**

Ma hemmx dubju li f’ dan il-kaz l-interess primarju tat-tfal jezigi li dawn jibqa’ fil-kura u kustodja ta’ ommhom li ilha tiehu hsiebhom minn mindu twieldu, nonostante l-konvivenza matrimonjali diffikultuza.

Ghalhekk qed tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri esklussivament f’ idejn l-attrici; bi dritt ta’ access favur il-missier, li l-modalita’ tieghu tigi stabbilita wara rikors ad hoc mill-istess konvenut.

**Manteniment**
Illi, stante li ma ngabux provi dwar il-quantum tal-manteniment pretiz, il-Qorti ser tillimita ruhha billi tafferma d-dritt ta’ l-attrici li tircevi manteniment ghaliha, bhala parti sokkombenti f’ din il-kawza, kif ukoll manteniment ghat-tlett ulied minuri li jinsabu fil-kura u kustodja esklussiva taghha; filwaqt li tirrizerva l-quantum tal-manteniment ghal gudizzju iehor.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi, stante li ma hemmx assi tal-komunjoni, il-Qorti qed tillimita ruhha li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija tal-konvenut;
[2] tilqa’ t-tieni talba, kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Kura u Kustodja”;
[3] tilqa’ t-tielet talba kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe’ ‘C’;
[5] tilqa’ il-hames talba;
[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tas-sitt talba, stante li ma hemmx assi x’ jigu likwidati.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut assenti; izda dawk relattivi ghad-deputati kuraturi ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------